MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 30 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 7 ta' Dicembru 2011 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Fredrick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

29.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 28 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

29.2 Arising Out

29.2.1 Wara li hadna parir , kien hemm qbil li dak li kien miftiehem fi laqgha prededenti (28.5.1) tal-Kunsill, dwar rigal tat-tieg ta' Paul Sant Cassia u Cristina Apap Bologna, il-flus tar-rigal ser jinhargu personalment mil-Kunsilliera u PS , ghalkemm jigi prezentat mil-Kunsill minhabba li l-invit kien jistieden lil Kunsill u lil PS.

29.3 Korrispondenza batch 44/45

29.3.1 Kellna korrispondenza minghand l-AKL dwar meeting ma Noise Abatement Society sabiex tinzamm laqgha ma din is-socjeta. Il-Kunsill iddecida li ma jiltaqax ma din is-socjeta.

. 29.3.2 Ittra minghand WSC dwar il meter li allegatament inqala minn Howard Gardens. Kellna nistabbilixxu ezattament fejn kien dan il-meter.

. 29.3.3 Kellna talba minghand Ms Barbaro Sant sabiex nixtru xi kotba. Il-Kunsill qabel li ma nixtrux dawn il-kotba.

29.3.4 Ittra minghand is-CSD li kienet ser tigi diskussa aktar tard

29.3.5 Ittra minghand Green MT sabiex ingeddu il-kuntratt dwar il-gbir ta' skart separate. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dan il-kuntratt ma jigiex imgedded u nibdew tahdidiet mal-Green Pack sabiex naghmlu kuntratt maghhom.

29.3.6 Ircevejna talba minghand il-Malta Post sabiex jigi mgedded il-permess tal-Pustier sabiex tidhol bil-karozza private taghha u jinhareg permess iehor ghas-sostitut/a taghha. Il-Kunsill qabel li jigi mgedded.

29.3.7 Ircevejna talba sabiex jinzamm Kuncert mil-grupp Violin and Friends fil-pjazza San Pawl f'Gunju 2012. Wara diskussjoni l-

Kunsill qabel li dan il-kuncert isir bil-kollaborazzjoni taghna, izda li l-kunsill ma johrogx ebda spejjez.

. 29.3.8 Kien hemm talba minghand is-Sur Kevin Azzopardi, li jmexxi l-isports fl-iskejjel sabiex issir attivita gewwa l-Imdina f'Marzu 2012. Wara diskussjoni l-Kunsill ma qabilx li jigu organizzati attivitajiet ta din ix-xorta fl-Imdina.

.

29. 4 Appell dwar l-ghoti tat-Tender dwar Howard Gardens.

29.4.1 PS informa lil Kunsill li huwa kien ircieva appell minghand l-Avukat Sharon Mizzi ghan-nom ta' Owen Borg, li qed jitlob biex tigi revokata d-decizzjoni tal-Kunsill li jghati it-tender lil Ricky Caruana. Din it-talba dahlet il-Kunsill nhar 24 ta' Novembru 2012 , li tfisser li dan l-appell dahal tard. PS kien ghadda dan l-appell lid-dipartiment tal-Kunsilli kif ukoll kellem lis-Sur Drago fid-dipartiment tal-Kuntratti. I-Kunsill qabel li jistenna risposta.

. 29.4.2 Minhabba li kien jidher li ser ikollna nistennew xi ftit il-Kunsill qabel li minhabba il-kuntratt prezenti tal-manutenzjoni ta' Howard Gardens jaghlaq fil-31 ta' Dicembru 2011, nigbru kwotazzjonijiet ghal l-istess xoghol ghax-xhur ta' Jannar u Frar 2012

29.5 Kuntratt PC attendant

29.5.1 PS informa lil Kunsill li kien ircieva ittra mid-Direttur tal-Cleansing Department li d-dipartiment tieghu ma kienx ser igedded il-Kuntratt dwar l-attendants tal-PC ta' Howard Gardens.

29.5.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li niktbu ittra lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali fejn ninfurmawh li l-Kunsill ma kienx f'posizzjoni finanzjarja li johrog tender ghal attendants, u ghalhekk dawn il-PC ser jibqu maghluqa sakemm jinghata allokazzjoni adekwata. Kopja ta' l-ittra ghanda tintbaghat lil CEO tal-MTA u lid-Direttur tal-Cleansing Department.

29.6 Affarijiet Ohra

29.6.1 Filwaqt li PS qieghed rapport dwar il-permessi ghal-access fl-Imdina li hargu matul 2011, saret diskussjoni kif nistghu nikkontrollaw ahjar u jinhargu anqas permessi. Wara din id-diskusssjoni kien hemm qbil li matul is-sena id-diehla jintuza dan il-process:

i) li kull permess ta' perjodu ta'sena jew fit-tul johrog wara li issir applikazzjoni li jkun fiha dettalji ta' minn qed jaghmel it-talba u l-ismijiet, kopja tal-ID u numru tat-Telefon tas-sid il-vettura. Dawn ghandhom jigu pprocessati bejn PSM u PS;

ii) Stabbilimenti kummercjali jinhargilhom biss 2 permessi kull stabbiliment;

iii) Dawk il-persuni li jkunu qed jaghtu servizz jinhargilhom biss permess ta' gimgha li jkun rinnovabli;

iv) Il-permessi attwali jibqu validi sal 21 ta' Jannar 2012.

29.6.2 PSM informa lil Kunsill dwar id-devoluzzjoni tal-Banca Guratale li wara l-laqgha ma' L-Onor Mario DeMarco, kien hemm komunikazzjoni mas-Sur Lino Mintoff fid- Dipartiment tal-Artijiet. Dan informa li Sur Reggie Abela li minn-naha tad-dipartiment tal-Propjeta tal-Gvern ma kienx hemm oggezzjoni biex din id-devoluzzjoni issir.

29.6.3 Jidher ukoll li hemm xi zviluppi dwar il-parkegg fejn l-Istazzjon. Kien hemm xi kumpaniji li lesti li jidhlu fuq ftehiem ta-PPP sabiex jaghmlu dan il-progett. Fil-fatt kienet saret laqgha ma' wahda min dawn il-kumpaniji.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

____________________

Peter Sant Manduca
Sindku

__________________

Paul Spiteri
Segretarju Ezekuttiv